# STEJJER TAL-ĦARES U L-WAĦX
## FIL-KULTURA POPOLARI MALTIJA TAS-SEKLU DSATAX KIF MIĠJUBA MINN PIETRO PEROLARI-MALMIGNATI

Matthew Scerri

**F'kull qasam tal-għerf l-istudju hu dejjem imsensel fuq l-osservazzjoni diretta tal-oġġett tal-istudju, kif ukoll il-konsultazzjoni ta' dokumentazzjoni li sservi sabiex tiġi analizzata l-evoluzzjoni storika tal-istess oġġett. Id-dokumentazzjoni tista' tkun ta' kull tip u għamla, iżda ċertament il-kitba tibqa' l-iktar mezz importanti li tgħaddilna informazzjoni dwar dak kollu li seħħ fi żminijiet imbiegħda meta ma kienx jeżisti t-tagħmir teknoloġiku modern. Il-kitba għandha valur storiku qawwi anki jekk ma tinkitibx intenzjonalment bl-iskop li tħalli dokumentazzjoni storika attendibbli ta' fatti tal-passat. Lil hinn mill-kotba tal-istorja hemm diversi forom oħra ta' kitbiet li jservu għal fini ta' komunikazzjoni man-nies kontemporanji u li allura ma jkollhom ebda intenzjoni oħra għajr li jgħaddu tagħrif lil persuni oħra li jgħixu fl-istess epoka tal-kittieba tagħhom. Jgħaddu s-snin u dawn l-istess kitbiet jiksbu valur storiku sempliċiment għax maż-żmien dik il-komunikazzjoni ssir xhieda tal-perjodu li fihom kienu miktuba. Il-kitba bħal donnha twaqqaf iż-żmien, issir qisha tieqa li minnha aħna nistgħu nittawlu u nagħtu daqqa t'għajn fuq eventi tal-passat.**

Eżempju ċar ta' dan huwa l-ktieb *Alcune occhiate a Malta* ta' Pietro Perolari-Malmignati, awtur Taljan li żar lil pajjiżna u għex fostna għal xi żmien fit-tieni nofs tas-seklu dsatax. Dan il-ktieb kien maħsub bħala forma ta' komunikazzjoni ma' persuni li għexu matul ħajjet l-awtur sabiex iwasslilhom l-esperjenza tiegħu ta' dak kollu li osserva f'Malta. Perolari-Malmignati hu l-awtur ta' diversi kotba oħra ta' dan it-tip u tinħass qawwija fih il-passjoni għall-ivvjaġġar. Hu għex fi żmien meta ma kienx jeżisti t-turiżmu tal-massa u allura għall-maġġor parti tal-persuni l-qari ta' kotba dwar esperjenzi tal-ivvjaġġar kien wieħed mill-uniċi mezzi sabiex jiksbu tagħrif fuq pajjiżi oħra. Illum, kif għidna, kotba bħala ta' Perolari-Malmignati għandhom valur storiku enormi għax huma xhieda ċara u preċiża ta' Malta fis-sittinijiet tas-seklu dsatax. Hu xhud dirett ta' Malta ta' dak iż-żmien u ħallielna *record* tat-tagħrif li ġabar u l-osservazzjonijiet li għamel waqt li kien f'pajjiżna.

L-għan ta' dan l-artiklu hu propju li naraw mill-qrib xi stejjer tal-ħares u l-waħx fil-kultura popolari Maltija tas-seklu dsatax kif miġjuba fil-ktieb *Alcune occhiate a Malta*. Fi tmiem dan l-artiklu se ssibu estratt minn *Alcune occhiate a Malta*, preċiżament il-ħames kapitlu kollu, fejn Perolari-Malmignati jirrakkonta bit-Taljan l-istejjer tal-ħares u l-waħx li hu ħa mill-kultura popolari Maltija. Dan hu dokument prezzjuż li m'għandux jintilef peress li ftit li xejn jeżistu testi miktuba tal-letteratura orali ta' dak il-perjodu. Sfortunatament, però, *Alcune occhiate a Malta* hu ktieb xi ftit minsi lokalment u ftit kopji tiegħu għadhom jinstabu fil-libreriji ta' pajjiżna. Għaldaqstant dawn il-paġni minnu qed jiġu riprodotti hawnhekk sabiex ikunu aċċessibbli għal dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-istudju tan-narrattiva popolari Maltija. Fl-istess ħin se nkun qed inżid ukoll traduzzjoni minni stess bil-Malti tal-istess kapitlu mill-pubblikazzjoni ta' Perolari-Malmignati.

### ORALITÀ U KITBA

Il-folklor ukoll, bħal kull qasam ieħor tal-istudju, jeħtieġ dokumentazzjoni li titfa' dawl fuq id-drawwiet ta' missirijietna. Normalment fl-ambitu ta' kultura popolari mhux dejjem ikun faċli li jinstabu kitbiet direttament minn idejn l-istess protagonisti ta' dik il-kultura. Speċjalment fejn tidħol in-narrattiva (fil-forom u s-sottoġeneri kollha marbutin mal-kuntest ta' letteratura popolari) nosservaw li hemm rabta assoluta mal-oralità. L-irrakkuntar fil-kultura popolari jseħħ primarjament b'mod orali, bi stejjer li jiġu rakkontati verbalment minn persuna għal oħra u t-trażmissjoni tkompli għaddejja f'katina li ma taqta'

qatt hekk kif kull persuna jkollha d-dritt li taqbad dik l-istorja u tirrakkontaha lil persuni oħra. L-esperti f'dan il-qasam juruna li anki l-binja tal-istess stejjer popolari hi mfassla b'tali mod u manjiera li jkun faċli li persuna tiftakar l-istorja bl-amment u hekk tkun tista' tgħaddiha verbalment lil persuni oħra. Barra minn hekk ma rridux ninsew li l-kultura popolari għal mijiet ta' snin kellha pubbliku ta' illitterati jew semi-illitterati u għaldaqstant l-oralità kienet l-uniku mezz biex titrawwem il-letteratura popolari fl-assenza tal-kitba u l-qari tar-rakkonti.

Xi minn daqqiet, però, l-istejjer orali popolari laqtu l-attenzjoni ta' persuni letterati li ħassew il-ħtieġa li jniżżluhom f'forma miktuba. Kien speċjalment fis-seklu dsatax li mewġa kbira ta' studjużi (biżżejjed insemmu lill-aħwa Grimm) bdew jersqu eqreb tal-kultura popolari u ħallewlna xhieda bil-miktub tal-arti verbali ta' żmienhom. L-istess seħħ f'pajjiżna anki jekk fuq skala minuri. Biex ngħidu hekk dawn kienu osservaturi esterni għal dik id-dinja ta' raħlin imma li kienu midħla sew tal-kultura popolari Maltija tal-passat u li allura setgħu jħallulna dokumentazzjoni miktuba jew aħjar xhieda ta' dak kollu li huma assistew għalih. Fil-każ tal-ktieb *Occhiate a Malta*, l-awtur Perolari-Malmignati mhuwiex biss xhud estern għax jappartjeni lil klassi soċjali differenti minn dik tal-protagonisti tal-kultura popolari, iżda wkoll minħabba l-fatt li hu barrani. Il-qari ta' *Alcune occhiate a Malta* juri biċ-ċar li Perolari-Malmignati kellu kuntatti mill-qrib mat-tradizzjonijiet ta' pajjiżna tant li ħass il-ħtieġa li jħallilna ġabra ta' aneddoti dwar dak kollu li sar jaf u esperjenza fil-perjodu li qatta' f'Malta. Tajjeb ngħidu wkoll li f'*footnote* fil-ħames kapitlu (dak fejn huma miġjuba l-istejjer tal-ħares u l-waħx), Perolari-Malmignati jgħarrafna li għall-kitba tal-istejjer tal-ħares u l-waħx hu uża manuskritt tal-Baruni Augusto Testaferrata Abela. Hekk għandna każ partikolari fejn ix-xogħol ta' żewġ osservaturi esterni jitwaħħad u jwelled il-ħames kapitlu ta' *Alcune occhiate a Malta.*




Testaferrata Abela

## MIN KIEN PEROLARI-MALMIGNATI

Ftit li xejn għandna informazzjoni dwar ħajjet Pietro Perolari-Malmignati. L-istoriku Giovanni Bonello jikteb li hu twieled fis-16 ta' Ġunju 1848 u li kien dixxendenti ta' familja nobbli. Nafu li wasal Malta f'età tassew żgħira u li wara li rritorna l-Italja ggradwa fil-Liġi fl-Università prestiġjuża ta' Padova. Perolari-Malmigmati kellu karriera diplomatika ta' suċċess u sar awtur prolifiku li, kif għidna qabel, ippubblika diversi kotba tal-ivvjaġġar dwar pajjiżi qrib jew 'il bogħod mill-Italja. Hu miet billi neħħa ħajtu b'idejh fis-16 ta' Lulju 1886.

Ma nafux eżatt meta Perolari-Malmignati wasal Malta u lanqas ma hi magħrufa r-raġuni għala ġie Malta. Bonello stess ma rnexxilux isib ħjiel ċar dwar x'wassal biex Perolari-Malmignati jasal Malta u allura jipprova jagħmel xi tip ta' ipoteżi:



Perolari-Malmignati

*"Quite likely, he may have chosen Malta for political asylum, as he had taken part in the ill-fated campaign of the Agro romano of 1867 for the military conquest of the Papal States, planned by Giuseppe Garibaldi volunteers and defeated by the combined Papal and French forces at Mentana in November 1867. He had been personally introduced to Giuseppe Mazzini by his friends Alberto Mario and his English consort Jessie 'Hurricane Jessie' White, leading figures in the Risorgimento. Or, possibly, he had come to Malta to improve his English."*[1]

Fl-istudji dwar l-eżuli risorġimentali Taljani li għexu f'Malta ma nsibux isem Perolari-Malmignati, għalkemm tajjeb li jkun osservat li dawn l-istess studji normalment jieqfu sal-1860. B'kull probabbiltà Perolari-Malmignati wasal Malta wara din id-data

peress li kien għad kellu biss tnax-il sena fl-1860.

Lanqas nafu eżattament kemm dam Malta. Il-ktieb tiegħu jagħtina x'nifhmu li hu dam ftit mhux ħażin f'Malta peress li jagħmel riferiment għal ħafna żjarat f'lokalitajiet differenti ta' Malta u kellu ħafna informazzjonijiet dwar pajjiżna li ġabar proprju fiż-żmien li fih għex fil-gżejjer Maltin. Kollox jagħtina x'nifhmu li kellu lil Malta għal qalbu. Kif ġustament jirrimarka Giovanni Bonello, "*his writings show compellingly that he fitted squarely in the patriotic, liberal and anti-clerical groups that characterised some 19th-century Italians.*"[2] F'Malta hu sab l-ambjent ideali sabiex jesprimi dawn l-ideat tiegħu, kemm mil-lat politiku kif ukoll minn dak reliġjuż. Hawn kellu l-opportunità li jsegwi l-inklinazzjonijiet tiegħu b'mod liberu, filwaqt li fl-Italja kellu jħabbat wiċċu ma' ambjent iktar riġidu politikament, filwaqt li fl-isfera reliġjuża fl-Italja kien hemm dominju assolut mir-reliġjon Kattolika. Fis-sittinijiet tas-seklu dsatax f'Malta kien hawn iktar libertà ta' espressjoni fl-isfera politika u reliġjuża, tant li mijiet ta' patrijotti Taljani għażlu li jgħixu u joperaw minn Malta.

L-unika ċertezza li għandna dwar il-perjodu 'Malti' ta' Perolari-Malmignati hi d-data meta hu telaq minn Malta. Fil-fatt *Alcune occhiate a Malta* jibda proprju b'deskrizzjoni tat-tluq tal-bastiment "*Archimede*" li kellu jieħdu lura l-Italja. Id-data li l-awtur jagħti għal dan il-vjaġġ ta' tluq minn Malta hi tat-28 ta' Marzu 1869. Id-deskrizzjoni tat-tluq tiegħu minn Malta – "*Addio faro maltese*" – tfakkarna fl-"*Addio ai monti*" li nsibu fil-*Promessi Sposi* u allura nifhmu li, apparti t-tentattiv ta' emulazzjonijiet artistika ta' kapulavur tal-letteratura Taljana, Perolari-Malmignati ried jesprimi s-sentiment ta' diqa għat-tluq minn pajjiż li hu kien sar iħobb.

## ALCUNE OCCHIATE A MALTA

Fil-parti introduttiva ta' *Alcune occhiate a Malta*, Perolari-Malmignati jispjega li hu beda jikteb il-ktieb eżatt malli wasal Siracusa bil-bastiment "*Archimede*". Wara kompla jiktbu f'Palermo, f'Napli u f'beltu stess. Sena wara li telaq minn Malta, *Alcune occhiate a Malta* kien ippubblikat. Tajjeb ngħidu li Perolari-Malmignati ma jagħtiniex l-istampa sħiħa ta' Malta f'dawk iż-żminijiet, imma jġib biss 'għażla' ta' dak kollu li laqtu. Tant hu hekk li juża '*occhiate*' fit-titlu. Fit-Taljan '*occhiata*' għandha proprju s-sinifikat ta' ħarsa ħafifa, ta' malajr, ħarsa fuq fuq, mingħajr wisq dixxerniment jew attenzjoni sabiex jinflew id-dettalji kollha. Għaldaqstant l-*'occhiate'* fit-titlu tindika li fil-ktieb ma nsibux ħarsa panoramika ta' Malta li tolqot kull aspett tal-ħajja, iżda sempliċiment titwila ħafifa lejn xi wħud mill-aspetti tal-ħajja Maltija li l-aktar ħallew effett fuq l-awtur.

Il-ktieb hu maqsum f'seba' kapitli. Qabilhom hemm introduzzjoni li tirrakkontalna b'mod poetiku t-tluq minn Malta ta' Perolari-Malmignati. Diġà semmejna l-influwenza tal-*Promessi Sposi* fuq din il-parti introduttiva, għalkemm ta' min isemmi wkoll li l-awtur ma naqasx milli jdaħħal anki xi ftit konsiderazzjonijiet politiċi hekk kif kien iddispjaċut li jara lill-Maltin jaċċettaw il-fatt li jkunu taħt il-ħakma ta' poplu barrani. Ħafna mill-patrijotti Taljani li għal xi raġuni jew oħra ġew Malta fis-seklu dsatax kellhom interess letterarju u filwaqt li esprimew l-imħabba għal-libertà u għal pajjiżhom, huma xtaqu wkoll inisslu sens ta' patrijottiżmu fost il-Maltin bit-tama li huma wkoll jiġġieldu għall-indipendenza tal-gżejjer tagħna. Diġà aċċennajna għall-fatt li isem Perolari-Malmignati ma jinsabx fl-istudju dwar l-eżuli patrijottiċi Taljani, imma ma nistgħux ma ninnutawx dan ix-xebh fl-aġir u fis-sejħa biex anki l-Maltin iqumu kontra l-ħakkiem barrani.


ALCUNE OCCHIATE

A

MALTA

DI

PIETRO PEROLARI-MALMIGNATI

Dicere etiam solebat, nullum esse librum tam malum, ut non aliqua ex parte prodesset.
(C. PLINIUS CAECILIUS MARCO SUO.)

PADOVA
Premiata Tipografia edit. F. Sacchetto
1870

Alcune occhiate a Malta ta' Pietro Perolari-Malmignati

Is-seba' kapitli ta' *Alcune occhiate a Malta* jittrattaw argumenti diversi. L-ewwel kapitlu hu dwar l-istorja ta' Malta, segwit minn kapitlu ieħor bi ftit tagħrif ġenerali dwar il-ġeografija ta' Malta u l-ibliet prinċipali ta' pajjiżna. Il-lingwa Maltija hi diskussa minn Perolari-Malmignati fit-tielet kapitlu. Li huma tassew interessati huma r-raba' u l-ħames kapitlu

fejn insibu ġabra ta' informazzjoni dwar id-drawwiet u t-tradizzjonijiet Maltin, kif ukoll l-istejjer tal-ħares u l-waħx. L-aħħar żewġ kapitli jittrattaw ir-reliġjon u l-politika f'Malta, żewġ argumenti li kienu tassew għal qalb Perolari-Malmignati.

## L-ISTEJJER TAL-ĦARES U L-WAĦX

Il-letteratura popolari hi maqsumi f'diversi forom: ħrafa, leġġenda, stejjer ta' ħajjet il-qaddisin u ħafna iktar. F'*Alcune occhiate a Malta* naqraw li f'pajjiżna hemm produzzjoni kotrana ta' stejjer tal-waħx u l-ħares. Perolari-Malmignati kien bniedem razzjonali ħafna u allura ma tantx kellu simpatija għas-superstizzjonijiet u t-twemmin fl-iħirsa. Il-kummenti tiegħu fi tmiem il-ħames kapitlu huma kemxejn ta' stmerrija. Madankollu xorta kien hemm fih interess antropoloġiku fil-konfront ta' produzzjoni ta' stejjer li huma marbutin b'mod sħiħ mal-identità kulturali Maltija. Interessanti kif fost il-ħafna forom tal-letteratura popolari, Perolari-Malmignati ħaseb li jġib biss l-istejjer tal-ħares u l-waħx. Din żgur mhix kumbinazzjoni. Anzi hi indikattiva ferm għax turi kemm kienu mifruxin dawn ir-rakkonti.

Qabelxejn, biex nifhmu għala l-istejjer tal-ħares u l-waħx kienu daqstant popolari f'Malta, jeħtieġ inħarsu ftit lejn il-fatturi li minnhom toriġina l-letteratura popolari. Ġorġ Mifsud-Chircop f'*Il-Folklor Malti* jikteb: "In-narrattiva popolari marbuta sfiq mal-bniedem u l-kultura tiegħu. Tixhed l-attitudnijiet u l-valur tiegħu, bil-biżgħat, it-tamiet, l-aggressjonijiet, il-gosti kollha li jġarrab matul ħajtu."[3] Il-poplu Malti minn dejjem kien reliġjuż ferm u emmen fix-xitan u fil-ħajja wara l-mewt. Konxjament u inkonxjament kien hemm dejjem biża' qawwija fil-poplu Malti marbuta mal-kunċett tal-ħażen, ix-xitan u l-erwieħ jew l-iħirsa li jagħmlu kuntatt mal-bnedmin ħajjin. Dawn l-elementi kollha dejjem nisslu sens ta' biża' fost ir-raħlin u, bħal kull ħaġa tal-biża', inevitabbilment ħolqot ukoll kurżità għal dawn l-istejjer. Il-Maltin kienu jkunu mwerwrin li setgħu jgħaddu minn esperjenza ta' kuntatt mal-ħares jew il-waħx, iżda xorta waħda kellhom interess qawwi li jisimgħu stejjer dwarhom.

F'*Alcune occhiate a Malta* nsibu żewġ stejjer tal-ħares flimkien ma' rakkont ieħor li għandu bħala protagonist lill-waħx. Perolari-Malmignati ma jaqbadx sempliċiment iniżżel l-istejjer tal-ħares, imma jieħu lill-qarrejja fid-dar ta' xi raħlin Maltin miġbura mal-mejda tal-ikel filgħaxija. Hawn, għad-dawl ta' xemgħa (sitwazzjoni tipika tal-*istorytelling* f'kuntest popolari fejn ħafna mir-rakkontar kien iseħħ madwar il-fuklar, billejl, għad-dawl tan-nar) il-persunaġġi miġburin madwar il-mejda jibdew jirrakkontaw. Joseph Attard f'*Fatati u Iħirsa ta' Malta* jirrimarka li f'pajjiżna l-ħares hu assoċjat mal-flus. Ir-raħlin u l-bdiewa Maltin kienu dejjem jgħixu ħajja fqira u allura kien hemm fihom ix-xewqa li jistagħnew u jsiru sinjuri. Wieħed mill-persunaġġi tal-istejjer ta' Perolari-Malmignati jgħid proprju li malli jara l-flus tal-ħares jaħseb li hu se jsir sinjur iktar minn sidu. Ovvjament din ir-regħba għall-flus kellha wkoll aspett negattiv peress li tmur kontra l-kunċett Kattoliku tal-bżulija fix-xogħol u l-ħidma intensiva sabiex il-persuna taqla' onestament l-għajxien tagħha bl-għaraq ta' ġbinha. Li ssir sinjur f'kolp wieħed permezz ta' donazzjoni mill-ħares hi xi ħaġa li tmur kontra dan il-kunċett nobbli tax-xogħol u allura hi assoċjata mal-element tal-ħażen.

Fir-rakkonti miġjuba minn Perolari-Malmignati nsibu aspetti tipiċi tar-rakkonti Maltin tal-ħares: il-qattus l-iswed bħala aġent tal-forzi tal-ħażen u l-barri bil-qrun li hu inkarnazzjoni tad-dehra tassew terribbli tal-figura mxajtna jew il-ħażen. Hu sinifikattiv li f'wieħed mir-rakkonti l-ħares jidher għall-ewwel darba liebes ta' Tuneżin. Kif hu magħruf, il-letteratura Maltija hi mimlija riferimenti għall-Mislem jew l-Għarbi bħala rappreżentant tal-ħażen. Joseph Attard jikteb li normalment il-ħares kien jieħu forma ta' Tork, imma fir-rakkont ta' Perolari-Malmignati nsibu persuna mit-Tuneżija. Din tkun biss forma esterjuri biex tinganna lill-povri vittmi tagħha u twaqqagħhom fin-nasba li ħejjiet għalihom. Interessanti wkoll li fir-rakkonti li nsibu f'*Alcune occhiate a Malta* hemm elementi maġiċi jew marbutin mas-superstizzjoni li huma assoċjati max-xitan/il-ħażen: in-numru tlettax, il-qrun tal-barri (karatteristiku tax-xjaten u ħlejjaq oħra infernali) u d-denb (simbolu falliku b'implikazzjonijiet marbutin mat-tabù soċjali tas-sesswalità).

L-istorja l-oħra, dik tal-waħx, tiġi miġjuba b'mod differenti minn dik tal-istejjer tal-ħares. Fil-fatt f'din l-okkażjoni Perolari-Malmignati ma jerġax jieħu lill-qarrej f'dar ta' xi bdiewa. Hu jintroduċi l-istorja tal-waħx b'nota dwar x'jifhmu l-Maltin b'waħx. Skontu jissejjaħ waħx kull min jitwieled fl-istess jum u fl-istess siegħa tat-twelid ta' Ġesù. Ir-ruħ ta' dawn l-individwi tieħu forma kerha u toħroġ iddur fil-ħin meta jieqfu jdoqqu l-qniepen. L-awtur isemmi li l-ħares u l-waħx jisparixxu malli jisimgħu l-isem t'Alla. Fl-istess ħin hu jagħmel riferiment għad-drawwa Maltija li jintuża ż-żebbuġ imbierek bħala forma ta' protezzjoni kontra l-aġenti tal-ħażen. Malli jtemm din in-nota ta' spjegazzjoni, Perolari-Malmignati jgħaddi għar-rakkont proprju tal-waħx. Fil-final tal-kapitlu nsibu kumment ieħor tal-awtur dwar il-waħx u l-ħares, b'indikazzjoni ċara li t-twemmin fihom ma kienx mifrux biss fost il-bdiewa. Fil-fatt Perolari-Malmignati jagħmel riferiment għal membru tal-kleru li kien jemmen fil-waħx. Ta' min jinnota l-polemika tal-awtur fil-konfront tal-kleru li

nsibu f'diversi partijiet ta' *Alcune occhiate a Malta*. Hemm ukoll, fi tmiem il-ħames kapitlu, riferiment għall-kabala bl-implikazzjonijiet maġiċi tagħhom u l-interpretazzjoni ta' dak kollu li mhux Kattoliku bħala xi ħaġa relatata ma' prattiċi illeċiti.

## KONKLUŻJONI

Kif ġustament jirrimarka Giovanni Bonello, *Alcune occhiate a Malta* hu ktieb pjuttost minsi u anki l-istudjużi tal-folklor donnhom qatt ma jagħmlu riferimenti għalih fil-kitbiet tagħhom. L-istudju tal-folklor Malti ma jistax jgħaddi mingħajr riferimenti preċiżi għal testi miktuba li jitfgħu dawl fuq it-tradizzjonijiet u n-narrattiva popolari. Kif spjegajna *Alcune occhiate a Malta* hu dokument prezzjuż ta' dak li osservatur attent ra f'Malta fis-sittinijiet tas-seklu dsatax. It-tagħrif li l-awtur jagħtina hu importanti għax hu xhieda ta' dak kollu li hu esperjenza u tal-informazzjoni kollha li kiseb direttament waqt perjodu ta' żmien li qatta' Malta. L-istejjer tal-waħx u l-ħares li hu niżżel fil-ħames kapitlu ta' *Alcune occhiate a Malta* huma fost il-ftit stejjer popolari ta' dawk iż-żminijiet li tagħhom fadlilna xhieda. Għaldaqstant meta nikkunsidraw l-importanza dokumentarja ta' dan il-ktieb u fl-istess ħin inżommu quddiem għajnejna l-fatt li ftit jafu dwaru, ninsab konvint li hemm tassew il-ħtieġa li kull studjuż Malti jkollu aċċess għal din il-pubblikazzjoni. Minħabba raġunijiet ta' spazju ma tantx stajt nifli iktar fid-dettall dawn ir-rakkonti u ppreferejt li l-parti prinċipali tal-artiklu tkun meħuda mit-test oriġinali ta' Perolari-Malmignati. Fil-bidu nett tal-artiklu diġà aċċennajt għall-fatt li fit-tieni parti ta' dan ix-xogħol se nġib estratt bit-Taljan minn *Alcune occhiate a Malta* u wara nikkonkludi bi traduzzjoni bil-Malti tal-istess paġni.

## DOKUMENT A – IT-TEST ORIĠINALI

Qed inġibu hawnhekk estratt minn *Alcune Occhiate a Malta* ta' Pietro Perolari-Malmignati. Dawn il-paġni jiffurmaw il-kapitlu ħamsa tal-ktieb u fihom insibu l-istejjer tal-ħares u l-waħx ("hhares" u "uacse").

Nota: Fil-parenteżi kwadri nsibu n-numru tal-paġna fil-ktieb oriġinali. Il-*footnotes* qed jinġiebu f'tipa iżgħar.

**[52]** V

*children of an idle brain*
*Begot of nothing but vain fantasy;*
*(Romeo and Juliet. Act. I.)*

Victor Hugo fra le tante dichiarazioni, che fece, ne fece una amorosa alle superstizioni, chiamandole figlie della religione e madri della poesia. Tolga il cielo che sia perciò da censurare il celebre autore dell'*Homme qui rit*. Egli ne ha scritte di più stravaganti. Sarebbe soltanto da consigliargli d'andare a Malta; perchè là più floridi che altrove troverebbe gli oggetti del suo amore.

Più che in Dio e nei santi, il contadino maltese crede nello *hhares* e negli *uacse*. M'imbroglierei, come un teologo, se volessi trattare degli attributi di quegli enti sopranaturali; perciò preferisco condurre il lettore in una casa di contadini maltesi, e pregarlo d'ascoltare le gesta dello *hhares* e degli *uacse*.

È l'ora della cena. Ecco che la padrona di casa porta sulla tavola un gran catino, nel quale galleggiano tutte le erbe della stagione. Sull'orlo di essa vien posto un lumicino, il cui odore più che la sua **[53]** luce, ci fa accorti della sua presenza. Ognuno dei circostanti prende un pezzo di pane, e con esso e colle dita procura di fare buona pesca in quella broda.

Il silenzio, che ha dominato finora, viene interrotto da una fanciulla, che rammenta al santolo la promessa fattale di raccontare una sua avventura. Tutta la brigata appoggia la domanda, e Giuseppe tal Firiol, trangugiato un pezzo di pane carico d'erbe, così incomincia: (1)

«Vent'anni sono, vidi in sogno lo *hhares*. Egli mi guardò, e mi disse: Se vuoi dell'oro, recati domani alle falde dell'Alia, e ne troverai da empirne un sacco. Dopo tal sogno mi svegliai, e non potei più chiudere gli occhi. Venuta finalmente l'alba, scesi giù dal letto, presi il sacco più lungo e largo, ch'era in casa, e m'affrettai tanto che un'ora dopo era presso l'Alia. Con mio dispiacere vidi che c'erano là due miei conoscenti, e che altre persone scendevano dal colle. In due minuti eravamo tredici. Anche gli altri avevano un sacco, e si mostravano dispiacenti di non essere soli. Dopo alcune scambievoli domande narrarono d'aver fatto un sogno: sogno, ch'era precisamente, come il mio. Appena l'ultimo ebbe finita la sua narrazione,[i] **[54]** ecco da una grotta uscire un uomo, con una lunga barba, vestito da Tunisino. Il suo sereno aspetto c'incorò, e capimmo essere falsa la diceria, che chi palesa sogni come il nostro invece d'oro riceva busse. In quel momento la sete del denaro ci dava tanta gagliardia, che ci pareva d'essere capaci di portare non solo un sacco d'oro, ma il colle, se d'oro fosse stato.»

«Lo *hhares* ci ordinò di seguirlo nella sua grotta. Obbedimmo, e per essa entrammo in altre più grandi, ma più oscure.»

«Alla sesta ci fermammo. Come potrò esprimervi la mia gioia, la mia meraviglia? Un raggio di luce, penetrando dall'alto della caverna, rischiarava un monte d'oro. Sarò dunque ricco, più ricco del mio padrone, pensavo fra me. Sarei però bugiardo, se non vi confessassi, che nel tempo stesso un sentimento d'invidia mi rodeva. Mi sembrava, che i miei compagni fossero più robusti di me, ed avessero

i Gran parte di ciò, che narro in questo capitolo, trassi da un manoscritto del sig. barone Augusto Testaferrata Abela, da lui gentilmente prestatomi a Valletta. Tutte m'induce a sperare, che la sorpresa gli sarà grata.

sacchi più grandi. Ad un cenno dello *hhares* ci chinammo, ed in un momento i sacchi erano tanto colmi, da poterli appena chiudere. Non ancora sazi d'oro, ne ponemmo nelle tasche, in seno e nel fondo dei berretti.[ii]»

**[55]** «Quando poi ci accingemmo ad alzare i sacchi, non solo non fummo capaci d'alzarli, ma neppure di muoverli, e la nostra grande cupidigia, di tanto superiore alle nostre forze, fece spuntare sul volto dello *hhares* un sogghigno feroce. Pallidi noi allora col dolore, con cui infuriando la burrasca, avressimo gettate le merci in mare, rovesciammo gran parte dell'oro preso sul mucchio rimasto; ma troppo tardi! La testa dello *hhares* cominciò a trasformarsi, e divenne una testa di bue. Il suo corpo dilatandosi squarciò le vesti con tale strepito, che ne rimbombarono le volte. Rimasto ignudo e divenuto gigante, cacciò un'enorme coda, da spaventare i santi, e facendola rotare colle mani, come una fionda, con occhi di fuoco e con rauca voce ci gridò: dunque siete voi pronti? si, balbettammo tremanti, e ci ponemmo i sacchi in ispalla. Mentre stavamo per uscire da quel luogo infernale, lo *hhares*, che c'era dinnanzi, prendendo la coda colle mani, e puntandola contro i nostri petti, con voce terribile esclamò: «non porterete via il mio oro, se uno di voi a mia scelta non rimanga a tenermi compagnia per questa notte.» A tale orribile proposta, lasciammo cadere i sacchi, ed urtandoci l'un l'altro, ci aprimmo disperatamente la via attraverso le pelose gambe del mostro. Questi, mentre ci chinavamo per passare, menava colla sua coda sul nostro dorso fortissimi colpi.

Finalmente **[56]** vedemmo la luce, ci trovammo all'aperto, e, trafelati colla lingua in fuori, ci gettammo sull'erba. Ripreso fiato, ci frugammo in seno, nelle tasche e nei berretti per vedere, se dopo l'infelice impresa qualche cosa almeno fosse rimasta; ma con nostra gran meraviglia altro non trovammo che sterco di galline. Vedete perciò ...»

Qui la morale del racconto venne interrotta per causa d'un maiale, che indispettito forse per non essere stato chiamato cogli altri a cena, ponendo le zampe sulla tavola ed il muso nel resto della minestra, rovesciò il lumicino, e lasciò tutti all'oscuro.

Quando la luce fu fatta, e l'ordine fu ristabilito, Francisch ta Faccaisa, presa la parola, così cominciò:

«Presso un acquedotto nel terreno di san Giacomo c'è uno stemma con un'iscrizione. Fattamela spiegare alla presenza di molti, seppi che essa così diceva: Quegli che avrà stomaco tanto buono, da mangiare in questo luogo un gatto nero con tutto il pelo, diverrà padrone del tesoro, ch'io custodisco.»

«Il custode era, com'è naturale, lo *hhares*; tutti sappiamo, che sopra ogni tesoro egli ci cova. Sulle prime pensava quasi di fare ciò, ch'era prescritto; ma riflettuto alquanto ne abbandonai l'idea.

L'indomani però andai all'acquedotto, ed indovinate che cosa vidi?... Vidi un uomo **[57]** giacente per terra, cogli occhi fuori dell'orbita, che sembravano due piccole uova sode. Inorridito a tal vista, con quanto fiato avevo in corpo, mi posi a gridare: aiuto! soccorso! Accorse molta gente; ma senza pro, perché l'uomo era morto. Poche ore dopo il medico fece sparare il cadavere. Il povero diavolo aveva mangiato un gattino nero con lutto il pelo; ma sapete, perchè egli non poté avere il tesoro promesso dallo *hhares*?...»

«Perché la coda del gatto gli era rimasta in gola»

Per quella sera il racconto di Faccaisa fu l'ultimo, e tutti andarono a letto.

Oltre lo *hhares* ho detto, che vi sono gli *uacse*.

Tal nome hanno coloro, che nascono nella stessa notte e nella stessa ora, in cui nacque Gesù. L'anima loro abbandona il corpo, e scelta la forma, che più le piace, va vagando nelle ore, in cui le campane cessano di suonare. Non v'è contadino, che non abbia veduto l'*uacse*, o almeno non ne abbia udito lo strepito. L'*uacse* si presenta ordinariamente sotto la forma di un animale domestico colle membra assai ingrandite. Al nome di Dio, l'*uacse* e lo *hhares* si dileguano. L'olivo benedetto, gettato loro contro, li cangia in fuoco, acqua o fumo.

Tutti coloro, che abitano a Casal Rabato, sanno che il muratore Ferraru è uno *uacse*. Paolo tal Parigin, avente bottega nella piazzetta S. Paolo dello stesso villaggio, molestava continuamente **[58]** Ferraru, chiamandolo *uacse*; e questi gli rispondeva che se non avesse finito di seccarlo, gliela avrebbe fatta pagar cara, ma l'altro, schernendolo continuava.

Una notte mentre Parigin, chiusa bottega, stava dormendo in una camerette vicina, sua moglie, al chiarore della luna, vide un grande gatto saltar dalla finestra nella camera, e correre poi nella bottega. Spaventata, svegliò il marito e questi, acceso un lumicino, andò per iscacciare il gatto; ma un improvviso soffio, come di persona gli spense il lume. Mentre voleva riaccenderlo, sentì il gatto saltargli sulle spalle e divenire cosi pesante, da costringerlo a piegare le ginocchia. Toccato a caso un coltello, ch'era sotto il banco, volle afferrarlo; ma indarno, perchè le dita se gli erano aggranchite. Egli allora conobbe chi era il gatto, e tremando e balbettando, gli disse: basta Ferraru, perdonami.... non t'offenderò più. Ma invano pregò l'infelice; perchè l'implacabile *uacse* divenne tanto pesante, da farlo cadere bocconi. Accorsa la moglie col lume, Parigin non sentì più alcun peso e poté levarsi; ma invece del gatto vide un orrido gigante verde con lunghissimo pelo, che tenendo nelle mani uno spadone a due tagli, mostrava di volerglielo calare sulla testa. Divertitosi alquanto il gigante nello spaventare la sua vittima senza ferirla, divenne gatto come prima, e per un finestrino disparve, senza che la **[59]** moglie di Parigin nulla vedesse di tutto l'accaduto.

Aperta la bottega il giorno dopo, non istette molto a comparire tra gli avventori anche Ferraru. Appena Parigin lo vide, saltò in bestia; e dato di piglio ad un coltello, lo avrebbe ammazzato, se gli astanti non si fossero posti in mezzo. Tenendo però sempre il coltello alzato, giurò per san Paolo e per Dio che se ancora Ferraru si arrischiasse a fare simili scherzi, lo avrebbe scannato senza misericordia.

Più di tutte le mie osservazioni, questi racconti avranno fatto conoscere quanta ignoranza e superstizione regnino nei contadini maltesi. Non è da credere però, ch'essi soli siano di tal fatta. Molti fra gli stessi preti, non ostante l'istruzione ricevuta, sono come il loro gregge. Un certo don Giovanni, prete di Città vecchia, dichiarò di credere nello *hhares* e negli *uacse*, ed aggiunse inoltre, che alcuni ladri — dicendo il credo a rovescio e pronunciando alcune parole cabalistiche, ch'egli sapendo illecite schivò d'imparare — fanno tacere i cani, e rubano a man salva.

ii Come gli altri contadini dell'Italia meridionale, il contadino maltese porta un lungo berretto bruno o turchino, che ha la forma d'una borsa, e ne fa anche l'officio; perché il contadino nella parte pendente pone il suo denaro ed altre piccole cose di valore.

Con quanta verità disse Arturo Schopenhauer, che le religioni, come le lucciole, abbisognano dell'oscurità per brillare! Basti dire, che a Malta vi sono più di 350 edifici consacrati al culto, e che 1300 persone fra preti, frati e monache ingrassano presso gli altari ad majorem Dei gloriam.

## DOKUMENT B – IT-TRADUZZJONI BIL-MALTI

**[52]** V

*children of an idle brain*
*Begot of nothing but vain fantasy;*
*(Romeo and Juliet. Act. I.)*

Fost il-ħafna stqarrijiet li għamel Victor Hugo, hemm waħda ta' mħabba għas-superstizzjonijiet, li hu jsejjaħ l-ulied tar-reliġjon u ommijiet tal-poeżija. Ma jkun qatt li niċċensuraw għalhekk lill-famuż awtur tal-*Homme qui rit*. Hu kiteb affarijiet oħra li huma ferm iktar stravaganti. Ta' min jagħtih biss il-parir li jmur Malta; għax hemm, iktar minn postijiet oħra, huwa se jsib l-aktar produzzjoni kotrana tal-oġġett ta' mħabbtu.

Iktar milli f'Alla u l-qaddisin, il-bidwi Malti jemmen fil-*hhares* u l-*uacse*. Nitħawwad bħal teologu li kieku kelli nittratta l-kwalitajiet ta' dawn l-entitajiet sopranaturali; għaldaqstant nippreferi nieħu lill-qarrej f'dar ta' bdiewa Maltin, u nitolbu jisma' l-għemil tal-*hhares* u *l-uacse.*

Hu ħin l-ikel ta' filgħaxija. Ekku l-mara, sidt id-dar, iġġib fuq il-mejda skutella kbira li kellha jgħumu fil-wiċċ il-ħxejjex kollha tal-istaġun. Fix-xifer tqiegħdet xemgħa żgħira li b'riħitha aktar milli **[53]** bid-dawl tagħha, għarrfitna bil-preżenza tagħha. Kull wieħed minn dawk preżenti jaqbad biċċa ħobż, u biha u b'subgħajh beda jara li jagħmel qabda tajba f'dak il-brodu.

Is-silenzju, li ddomina s'issa, jiġi interrott minn tfajla li tfakkar lill-parrinu l-wegħda li għamlilha li jirrakkuntalha avventura minn tiegħu. Il-grupp kollu jappoġġa din it-talba, u Giuseppe tal-Firiol, filwaqt li bela' kisra ħobż mifqugħa ħxejjex, hekk beda:[i]

«Ilu għoxrin sena, rajt lill-*hhares* f'ħolma. Hu ħares lejja u qalli: Jekk trid id-deheb, għada mur mal-ġenb tal-Alia,[4] u ssib biżżejjed biex timla xkora. Wara din il-ħolma qomt u ma stajtx nagħlaq iktar għajn m'għajn. Meta fl-aħħar wasal sbieħ il-jum, inżilt mis-sodda, qbadt l-itwal u l-usa' xkora li kien hemm id-dar u ħaffift tant li siegħa wara kont ħdejn l-Alia. B'dispjaċir rajt li kien hemm żewġ persuni li kont naf, u li persuni oħra kienu neżlin mill-għolja. F'żewġ minuti konna tlettax. Anki l-oħrajn kellhom xkora, u dehru dispjaċuti li ma kinux waħidhom. Wara li qasmu xi domandi ma' xulxin, irrakkuntaw li kellhom ħolma: ħolma li kienet preċiżament bħal tiegħu. Malli l-aħħar wieħed temm ir-rakkont tiegħu, **[54]** dlonk minn grotta ħareġ raġel b'leħja twila, liebes ta' Tuneżin. Id-dehra trankwilla tiegħu farrġitna u fhimna li mhix veru d-diċerija li min ikollu ħolm bħal tagħna minflok deheb jaqla' daqqiet. F'dak il-mument l-għatx għall-flus kien qed jagħtina tant enerġija li dehrilna li stajna nġorru mhux biss xkora deheb, imma anki l-għolja li kieku kienet tad-deheb.»

«Il-*hhares* ordnalna li nsegwuh fil-grotta tiegħu. Obdejna u minnha għaddejna f'oħrajn ikbar, iżda iktar mudlama.»

«Fis-sitt waħda waqafna. Kif nista' nfissrilkom il-ferħ tiegħi, l-istagħġib tiegħi? Raġġ ta' dawl nieżel mill-parti ta' fuq tal-grotta kien qed jitfa' dawl fuq muntanja deheb. Mela se nkun għani, sinjur iktar minn sidi, ħsibt bejni u bejn ruħi. Inkun giddieb jekk ma nistqarrx magħkom li fl-istess ħin kont qed ninħaraq b'sentiment ta' għira. Kien jidhirli li l-oħrajn kienu iktar b'saħħithom minni u kellhom xkejjer ikbar. Mas-sinjal tal-*hhares* tbaxxejna u f'ħakka t'għajn l-ixkejjer kienu tant mimlija li bilkemm stajna nagħlquhom. Ma konniex għadna xbajna mid-deheb u poġġejnieh fil-bwiet, f'ħobbna u fil-fond tal-brieret.[ii]»

**[55]** «Meta mbagħad ġejna biex nerfgħu l-ixkejjer, mhux biss ma konniex kapaċi ngħolluhom, imma lanqas inċaqilquhom, u r-regħba tagħna ferm ikbar minn saħħitna, wasslet biex fuq wiċċ il-*hhares* feġġet tbissima mċarrta. Konna pallidi bit-tbatija, u bħal meta waqt tempesta kien ikollna nitfgħu t-tagħbija l-baħar, qlibna l-parti l-kbira tad-deheb li ħadna fuq il-munzell li kien fadal; iżda kien tard wisq! Ras il-*hhares* bdiet tinbidel u saret ras ta' barri. Ġismu kiber u qatta' ħwejġu b'ħoss li riegħed is-saqaf tal-għar. Kien għeri u sar ġgant, ħareġ denb enormi minn dawk li jbeżża' lill-qaddisin u beda jdawru b'idu qisu żbandola, filwaqt li b'għajnejn ta' nar u b'vuċi ħarxa, għajjat: tinsabu lesti? Iva, laqlaqna mbeżżgħa, u erfajna l-ixkejjer fuq spallejna. Sakemm konna ħerġin minn dak il-post infernali, il-*hhares*, li kien quddiemna, qabad denbu b'idejh u ppuntah lejn sidirna, waqt li b'vuċi terribbli qal: «Mhux se tieħdu d-deheb tiegħi jekk wieħed minnkom li se nagħżel jien ma jibqax jagħmilli kumpanija għal dan il-lejl.» Għal din il-proposta tal-biża', ħallejna l-ixkejjer jaqgħu u waqt li bdejna naħbtu f'xulxin, ftaħna b'disperazzjoni triq bejn is-saqajn pilużi tal-mostru. Dan, malli tbaxxejna biex ngħaddu, beda

i Il-parti l-kbira ta' dak li qed nirrakkonta f'dan il-kapitlu, ħadtu minn manuskritt tas-sinjur Baruni Augusto Testaferrata Abela, li hu ġentilment silifni fil-Belt Valletta. Kollox iħallini nittama li s-sorpriża se togħġbu.

ii Bħall-bdiewa tal-Italja t'Isfel, anki l-bidwi Malti jxedd beritta twila kannella jew kaħla, li għandha forma ta' barżakka, u li taqdi anki din il-funzjoni; għax fil-parti mdendla 'l isfel il-bidwi jpoġġi flusu u affarijiet żgħar oħra prezzjużi.

jagħti b'denbu daqqiet kbar fuq daharna. Fl-aħħar **[56]** rajna d-dawl, sibna ruħna fil-miftuħ, u, għajjenin bi lsienna barra, inxtħetna fuq il-ħaxix. Wara li straħna ftit, fittixna f'ħobbna, fil-bwiet u fil-brieret biex naraw jekk wara dik l-istorja kerha baqgħalniex almenu xi ħaġa; iżda b'sorpriża kbira tagħna ma sibna xejn għajr ħmieġ tat-tiġieġ. Taraw mela ... »

Hawn il-morali tar-rakkont twaqqfet minħabba ħanżir li, forsi urtat li ma ssejjaħx għall-ikla bħall-oħrajn, tella' saqajh fuq il-mejda, daħħal geddumu f'dak li kien fadal mill-minestra u waqqa' d-dawl u ħalla lil kulħadd fid-dlam.

Malli nxtegħel id-dawl u reġa' nstab l-ordni, Francish ta' Faccaisa ħa l-kelma u hekk beda:

«Qrib akwedott fl-art ta' San Ġakbu hemm arma b'iskrizzjoni. Ġegħelthom jispjegawli xi tfisser quddiem ħafna nies u sirt naf li kienet tgħid: Min se jkollu l-istonku tant tajjeb li jiekol f'dan il-post qattus iswed b'sufu kollu, se jsir sid it-teżor li jien ngħasses.»

«Il-gwardjan kien, kif hu normali, il-*hhares*; kulħadd jaf li hu jgħasses fuq kull teżor. Għall-ewwel ħsibt li nagħmel dak li hu miktub; iżda mbagħad bdilt fehmti wara li rriflettejt ftit. L-għada, però mort l-akwedott, u aqtgħu x'rajt? ... Rajt raġel **[57]** mixħut fl-art, b'għajnejh imqabbżin barra minn posthom, qishom żewġ bajdiet iebsa żgħar. Imwerwer b'dak li rajt, b'kemm kelli saħħa f'ġismi, bdejt ngħajjat: Ajjut! Għajnuna! Ġew ħafna nies; iżda kien kollu għalxejn għax ir-raġel kien mejjet. Ftit sigħat wara t-tabib ordna awtopsja fuq il-katavru. L-imsejken kien kiel qattus iswed bis-suf kollu; iżda tafu għala ma setax jikseb it-teżor imwiegħed mill-*hhares*?...»

«Għax denb il-qattus weħillu f'gerżumtu»

Għal dik il-lejla r-rakkont ta' Faccaisa kien l-aħħar wieħed, u kulħadd mar jorqod.

Apparti l-*hhares*, kif għidt, hemm anki l-*uacse*.

Għandhom dan l-isem dawk kollha li jitwieldu fl-istess lejl u fl-istess siegħa tat-twelid ta' Ġesù. Ruħhom toħroġ minn ġisimhom, u wara li tagħżel il-forma li l-aktar togħġobha, toqgħod iddur fil-ħinijiet meta l-qniepen jieqfu jdoqqu. M'hemmx bidwi li ma rax il-*uacse*, jew għall-inqas li ma semax l-istorbju tiegħu. Il-*uacse* jippreżenta ruħu normalment f'forma ta' annimal domestiku b'ġisem imkabbar. Malli jisimgħu l-isem t'Alla, il-*uacse* u l-*hhares* jisparixxu. Il-weraq taż-żebbuġ imbierek mitfugħ lejhom, jibdilhom f'nar, ilma jew duħħan.

Dawk kollha li jgħixu r-Rabat jafu li l-bennej Ferraru hu *uacse*. Paolo tal-Pariġin, li għandu ħanut fil-pjazzetta ta' San Pawl fl-istess belt, kien jagħti fastidju l-ħin kollu **[58]** lil Ferraru, billi jgħajjatlu *uacse*; u dan kien iwieġbu li jekk mhux se jieqaf kien se jpattihielu qares, iżda l-ieħor kien ikompli jniggżu bi lsienu.

Lejl minnhom, wara li Pariġin għalaq il-ħanut u daħal jorqod f'kamra biswit, il-mara tiegħu, għad-dawl tal-qamar, rat qattus kbir jaqbeż mit-tieqa għal ġol-kamra, u jiġri lejn il-ħanut. Inwerwra, qajmet lir-raġel u dan, wara li xegħel xemgħa mar ikeċċi lill-qattus; iżda nefħa bħal ta' bniedem tfiet id-dawl. Waqt li beda jixgħel mill-ġdid, ħass il-qattus jaqbiżlu fuq dahru u jsir tant tqil li kellu jilwi rkupptejh. Ħass b'kumbinazzjoni sikkina li kienet taħt il-bank u ried jaqbadha, imma għalxejn għax subgħajh tgħawġulu. Hu allura fehem min kien il-qattus, u jirtogħod u jlaqlaq, qallu: daqshekk Ferraru, aħfirli ... mhux se noffendik iktar. Iżda għalxejn talab l-imsejken; l-implakabbli *uacse* sar tant tqil li waqqgħu wiċċu mal-art. Ġiet martu bid-dawl, Pariġin ma ħass ebda piż u seta' jqum; minflok il-qattus ra ġgant aħdar ikrah b'pil twil ferm li, filwaqt li kellu f'idu xabla kbira b'żewġt ixfafar, beda jurih li ried iniżżilha fuq rasu. Malli l-ġgant kien ħa gost biżżejjed iwerwer lill-vittma mingħajr iferiha, sar qattus bħal qabel, u għeb minn tieqa żgħira, bla ma **[59]** mart Pariġin setgħet tara xejn minn dak li ġara.

L-għada, malli fetaħ il-ħanut, ma damx ma deher qalb il-klijenti anki Ferraru. Malli Pariġin raħ, tilef il-boxxla; ħataf sikkina u kien joqtlu żgur li kieku l-oħrajn ma daħlux fin-nofs. Filwaqt li żamm is-sikkina mgħollija, ħalef fuq San Pawl u Alla li jekk Ferraru jissogra jerġa' jagħmel ċajta bħal dik, kien iħanxarlu għonqu mingħajr miżerikordja.




Stampa makabra mir-rumanzi tal-faxxikli li kienu jkompli jnisslu l-biża' fin-nies

Aktar mill-osservazzjonijiet tiegħi, dawn ir-rakkonti għamlu magħrufa kemm injuranza u superstizzjoni jirrenjaw fost il-bdiewa Maltin. Ħadd m'għandu jaħseb però li huma l-uniċi hekk. Ħafna mill-istess qassisin, minkejja l-edukazzjoni li rċevew, huma bħall-merħla tagħhom. Ċertu Dun Giovanni, qassis tal-Belt il-Qadima, iddikjara li jemmen fil-*hhares* u l-*uacse*, u żied anki li xi ħallelin – meta jgħidu l-kredu bil-kontra u jlissnu kliem tal-kabala li hu ma tgħallimx għax jaf li huma ħżiena — isikktu l-klieb u jisirqu bla problemi.

Kemm hu veru dak li qal Artur Schopenhauer, li r-reliġjonijiet, bħall-friefet tad-dawl, jeħtieġu d-dlam biex jibbrillaw! Biżżejjed jingħad li hemm iktar minn 350 binja kkonsagrata għall-kult, u li 1300 persuna bejn qassisin, patrijiet u sorijiet qed jismnu qrib l-artali *ad majorem Dei gloriam*.

## REFERENZI


Perolari-Malmignati Pietro, *Alcune occhiate a Malta*, F. Sacchetto, Padova, 1870.

Attard Joseph, *Fatati u Iħirsa ta' Malta*, Allied Publications, Malta, 2009.

Bonello Giovanni, 'Pietro Perolari-Malmignati's forgotten book about Malta', *The Sunday Times*, 22.ix.2003, pp. 48-49.

Bonello Giovanni, 'Pietro Perolari-Malmignati's forgotten book about Malta (part 2): What Malta was like in 1869 – and a tragic end', *The Sunday Times*, 29.ix.2003, pp. 48-49.

Lanfranco Guido, *Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin*, PIN, Malta, 2001.

Mifsud-Chircop Ġorġ, *Il-Folklor Malti*, 2 volumi, PIN, Malta, 2003.


---

*Endnotes*

1 Giovanni Bonello, 'Pietro Perolari-Malmignati's forgotten book about Malta', *The Sunday Times*, 22.ix.2003, 48-49: 48.

2 *Ibid*.

3 Ġorġ Mifsud-Chircop, *Il-Folklor Malti*, L-ewwel volum, (PIN: Malta, 2003), 80-81.

4 Ikolli nistqarr li flimkien mal-Editur ta' *L-Imnara*, is-Sur Ġużi Gatt, kelli diskussjonijiet twal u ferm stimolanti dwar l-isem **Alia**. Ippruvajna kemm stajna nifhmu liema hu dan il-post preċiżament, madankollu ma rnexxilniex naslu għal xi tip ta' konklużjoni definittiva. Ħriġna b'żewġ ipoteżi li jidhrulna li huma l-iktar probabbli: (i) hu isem ta' fantasija kif tipikament naraw fin-narrattiva Maltija u li forsi kellu jagħti sens iktar eżotiku lir-rakkont; inkella (ii) jista' jkun li hi traskrizzjoni ħażina tal-kelma 'għolja', forsi mlissna b'xi aċċent djalettali.